MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1899/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Aslan Yilmaz**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm356.40) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 7821 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Settembru, 2002 u Jannar, 2003;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-**

**imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Peter Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm356.40) bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2003, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------